**18 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Major John Victor Bonello, O.B.E.

**"Minimum Wage" — "Part Time Employee" — Hotels u Clubs — Att XI tal-1952 — Wage Regulation Order No. 10 — Legal Notice no. 57 tal-1959.**

*Skond il-liġi rilevanti, "wage" ossija "paga" tfisser rimunerazzjoni jew qliegħ li jitħallsu bi flus.*

*Hu minnu li skond l-Order in materja l-fornitura tal-ikel lill-impjegat titqies fil-fissazzjoni tar-rata tal-"minimum wage" (li dejjem titħallas bi flus); imma din il-konsiderazzjoni tal-ikel hija limitata fl-Order għall-"whole time", u mhux ukoll għall-"part time employees".*

*Għall-integrazzjoni tar-reat ta' min jonqos li jħallas lill-impjegat tiegħu l-"minimum wage", kif stabbilit mill-liġi, ma hix rikjesta ebda "mens rea", ebda ntenzjoni speċifika partikulari.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni maħruġa fuq talba tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-imputat bħala manager tal-Osborne Hotel f'South Street, Valletta, fit-30 ta' Novembru 1960, u fi żmien qabel, naqas li jħallas lill-impjegata tiegħu Mildred Agius, li kienet impjegata miegħu fil-lukanda tiegħu bħala skrivana ("part-time"), l-anqas paga kif hemm stabbilit fil-para. 8 tal-"Wage Regulation Order No. 10" tal-"Hotels and Clubs Wage Council", Wage Reg. Order 1959, publikat fil-Legal Notice No. 57/59; u għaldaqstant il-Qorti hija mitluba biex tordna lill-imputat biex iħallas lill-imsemmija Mildred Agius is-somma ta' £51.18.4, li tirrappreżenta id-differenza fil-pagi mħallsa lilha u dawk stabbiliti bil-liġi matul il-perijodu mis-17 ta' Awissu sas-16 ta' Settembru 1959, 17 ta' Settembru 1959 sas-26 ta' April 1960, u mid-9 ta' Awissu sat-30 ta' Novembru 1960;

Rat it-talba tad-Direttur tal-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Settembru 1961, li biha sabet lill-imputat ħati talli naqas li jħallas l-anqas paga lill-impjegata tiegħu Mildred Agius għall-perijodi msemmija fiċ-ċitazzjoni u kkundannatu għall-multa ta' £5; u billi l-imsemmi nuqqas għal ħin ta' siegħa kulljum jammonta għal £22.13.5, għalhekk ordnat lill-imputat iħallas din is-somma lill-imsemmija Mildred Agius;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ma hux kontestat li Mildred Agius kienet "part-time employee". Il-minimum wage pagabbli lilha tinsab fissata fil-Legal Notice 57 tal-1959, li ppublikat l-Order relattiv;

Skond il-liġi, Att No. XI tal-1952 "wage" ossija "paga" tfisser rimunerazzjoni jew qliegħ li jitħallsu bi flus (ara t-tieni artikolu):

F'dak l-Ordni, il-fornitura tal-ikel mill-prinċipal lill-impjegat titqies fil-fissazzjoni tar-rata tal-"minimum remuneration" (li dejjem titħallas bi flus); imma din il-konsiderazzjoni tal-ikel hija "limitata" fl-Ordni għall-"whole time" u mhijiex ripetuta fejn dak l-Ordni jikkontempla, aktar il-quddiem, il-"part time employees", bħal ma kienet l-imsemmija Agius;

F'dak l-Order, fit-tarf tiegħu, Parti Terza, jiġi ribadit li paga tfisser rimunerazzjoni jew qliegħ li jitħallas bi flus;

L-art. 19 tal-Att fuq imsemmi ma jajjutax lill-appellant; għaliex, minbarra l-kliem "subject to the provisions of this Act", hemm anki l-kliem "in addition to such wages........" Il-liġi qegħdha tiffissa l-minimum wage. Il-fuq mill-minimum wage biss jista' jkun hemm lok għall-applikazzjoni ta' dak l-artikolu fil-każijiet kongruwi;

Kwantu għall-argument li tonqos il-"mens rea", il-liġi ma teżiġix xi intenzjoni speċifika partikulari fl-art. 30 tal-Att;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.